**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 81/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 29**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**vs**

**Christina Abela (I.D. 0447186M)**

**17, Blk 2, Triq iz-Zewg Mini,**

**Bini tal-Gvern,**

**L-Isla**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-07 ta' Frar, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut l-hlas ta' seba' mija u zewg ewro u

hamsa u tmenin centezmu (€702.85c) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici il konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40297484.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici stante li l-konvenuta hallset is-somma ta' mitejn ewro (€200) akkont tal-ammont dovut u ghalhekk l-ammont dovut gie ridott ghal hames mija u zewg ewro u hamsa u tmenin cenezmu (€502.85c).

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li sema' lir-rapprezentanta tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u zewg ewro u hamsa u tmenin centezmu (€502.85c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**